**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **112/2024**

**HRYHORII SIVE GREGORI CHERNOMAZOV (029936A)**

**vs**

**1. AĠENZIJA IDENTITA'**
**2. L-AVUKAT TAL-ISTAT**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **sentenza *in parte* limitatament** rigward l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati fir-risposta tagħhom, dwar (a) in-nullita' tal-azzjoni stante illi r-rikorrent qed iressaq żewġ tipi t'azzjonijiet f'waħda; u (b) in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti fil-vesti Kostituzzjonali tagħha sabiex tiddikjara jekk xi liġi Maltija hijiex konformi ma' Direttiva tal-Unjoni Ewropea jew illi xi liġi Maltija hija leżiva ta' xi dritt misjub fit-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B'rikors Kostituzzjonali datat ħamsa (5) ta' Marzu 2024, ir-rikorrenti ppremetta, in suċċint, illi huwa ċittadin Ukren bi status ta' residenza fit-tul fl-Unjoni Ewropea flimkien ma' familtu, liema status inkiseb il-Polonja. Meta beda jirrisjedi f'Malta, fittex illi l-istatus tiegħu jiġi rikonoxxut mill-Awtoritajiet Maltin, iżda l-Aġenzija intimata informatu illi peress illi ma kellux Livell numru 2 (pre-intermedju) fil-Malti, l-istatus tiegħu ma setax jiġi rikonoxxut. Għaldaqstant, huwa qed ikollu japplika bħala impjegat ma' diversi kumpaniji flok jiftaħ negozju tiegħu, kif xtaq jagħmel, bħala ċittadin ta' pajjiż terz. Saħansitra lanqas l-applikazzjoni għar-reunifikazzjoni ta' martu u wliedu minorenni miegħu Malta mhi tiġi rikonoxxuta. Ir-rikorrent qed jikkontendi illi dan qed iwassal għal leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif stabbiliti fid-Direttiva Numru 2003/109/KE, kif ukoll tad-drittijiet tiegħu stabbiliti f'Artikolu 7 u 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikoli 4 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. In oltre qed jikkontendi wkoll illi t-trattament tiegħu b'riżultat tat-tħaddim u l-interpretazzjoni tal-LS 217.05 mill-Aġenzija intimata huwa wieħed diskriminatorju, illi jmur kontra l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. Għaldaqstant, ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

    a. *Tiddikjara illi Artikolu 14(3) tal-Liġi Sussidjarja 217.05 u l-mod kif dan jeżiġi li jiġu sodisfatti l-kriterji t'Artikolu 5(3)(b) tal-Liġi Sussidjarja 217.05 mhix konformi mad-Direttiva 2003/109/KE, u b'konsegwenza huma wkoll leżivi:*

        i. *Għad-dritt ta' liberta' tal-moviment tar-rikorrent kif sanċit f'Artikolu 21 tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU) u Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijeit Fundaemntali ta' l-Unjoni Ewropea;*

ii. *Għad-dritt ta' rispett għall-ħajja privata u tal-familja kif sanċit f'Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea;*

iii. *Għad-dritt ta' rispett għal-liberta' professjonali u dritt għax-xogħol kif sanċit f'Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.*

*Inoltre, minħabba n-natura tal-Liġi Sussidjarja 217.05, bħala naxxenti mid-Direttiva 2003/109/KE, u li anke qiegħda tkun leżiva għat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, tikkunsidra li sabiex tkun tista' ssir id-dikjarazzjoni mitluba f'din it-talba ssir referenza preliminari ta' dawn il-kwistjonijiet legali lill-Qorti ta' Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ai termini t'Artikolu 267 tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;*

b. *Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li stante n-nuqqas tal-intimati, jew min minnhom, li l-Liġi Maltija tiġi mħaddma b'konformita' ma' dik Ewropea, qed jiġu vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti f'Artikoli 4 u 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant tagħti lir-rikorrent r-rimedji kollha li jidhrilha xierqa u opportuni;*

c. *Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li stante n-nuqqas tal-intimati, jew min minnhom, li l-Liġi Maltija tiġi mħaddma b'konformita' ma' dik Ewropea, qiegħda ssir diskriminazzjoni lampanti fil-konfront tar-rikorrenti, u dan b'leżjoni għad-drittijiet tiegħu kif sanċiti f'Artikolu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant tagħti lir-rikorrent r-rimedji kollha li jidhrilha xierqa u opportuni;*

d. *Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li, għar-raġunijiet fuq esposti, l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għall-ħlas ta' kumpens u danni sofferti mir-rikorrent;*

e. *Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrent;*

f. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-istess kumpens u danni likwidati.*

4. B'risposta datata tmintax (18) t'April 2024, il-konvenuti, apparti eċċezzjonijiet fil-mertu, issollevaw ukoll żewġ eċċezzjonijiet preliminari, u cioe:

> ***1. Illi b'mod preliminari, l-esponenti jeċepixxu n-nullita' tal-azzjoni odjerna peress li r-rikorrent qiegħed iressaq żewġ tipi ta' azzjonijiet f'waħda, u t-talbiet tar-rikorrenti huma interament inkompatibbli u konfużjonarji. Fil-waqt li r-rikorrent qiegħed jitlob illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi saret traspożizzjoni skorretta tad-Direttiva 203/109/KE, talba improponibbli għaliex hija l-Kummissjoni Ewropea li tista' tressaq tali talba kontra Stat Membru quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, qiegħed ukoll jitlob illi din il-Qorti ssib illi l-liġi li trasponiet id-Direttiva hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Illi dan kollu huwa bi preġudizzju serju għad-difiża tal-esponenti, b'mod li jrendi l-azzjoni waħda nulla u improponibbli;***
>
> ***2. Illi in vena preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxu illi dina l-Onorabbli Qorti fil-vesti kostituzzjonali tagħha m'għandhiex il-kompetenza li tiddikjara li xi liġi Maltija mhijiex konformi ma' Direttiva tal-Unjoni Ewropea u lanqas illi xi liġi Maltija hija leżiva ta' xi dritt misjub fit-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU);***

5. Fis-seduta tad-dsatax (19) t'April 2024, il-kawża ġiet differita għall-provi u għat-trattazzjoni fuq dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;

6. Wara illi, fis-seduta tal-ħamsa (5) ta' Lulju 2024, din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partjiet dwar l-istess żewġ eċċezzjonijiet, il-kawża ġiet differita għal-lum għal sentenza preliminari dwar l-eċċezzjonijiet suriferiti.

**Il-Qorti**

7. Wara illi rat l-atti preżentati mill-partijiet;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti;

9. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza preliminari rigward l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

*L-Ewwel Eċċezzjoni Preliminari*

11. L-intimati qed isostnu illi t-talbiet rikorrenti huma inkompatibbli ma' xulxin, stante illi permezz tal-ewwel talba r-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni illi l-artikolu kif traspost u qed jitħaddem jivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, filwaqt illi hemm talbiet oħra illi jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara illi t-trasposizzjoni hija skorretta u għalhekk leżiva għad-drittijiet fundamentali tiegħu;

12. Min-naħa l-oħra r-rikorrent isostni illi dawn iż-żewġ talbiet huma konsegwenzjali għal xulxin, stante illi sabiex jiġi deċiż jek il-liġi sussidjarja tilledix id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, fl-ewwel lok għandu jiġi analizzat il-mod kif ġiet implimentata fil-Liġi Maltija d-Direttiva;

13. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Capua Palace Pimited vs Boris Arcidiacono***:

> *Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa;*
>
> *Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur;*
>
> *Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq, il-Qorti qalet li "hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut";*

14. Din il-Qorti ma tqisx illi l-intimati għandhom raġun f'dan ir-rigward. Dan mhux każ fejn għandu japplika l-prinċipju *electam una via non datur recursus ad alteram*, stante illi dak illi qed jitlob ir-rikorrent huma żewġ affarijiet anċillari għal xulxin u mhux distinti minn xulxin. Hekk kif ġie spjegat

mill-abbli difensur tar-rikorrent fit-trattazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet in eżami, ma jistax jiġi kkunsidrat jekk kienx hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent per kawża ta' traspożizzjoni skorretta tad-Direttiva 2003/109/KE mingħajr ma jiġi indagat jekk effettivament saritx traspożizzjoni korretta tad-Direttiva 2003/109/KE. Din il-Qorti ma tarax kif dawn it-talbiet kif esposti mir-rikorrent jistgħu jippreġudikaw id-difiża tal-intimati; anzi tqis illi l-istess talbiet, kif magħmula, jistgħu potenzjalment jigwidaw lill-intimati, b'dana illi jistgħu saħansitra jippreparaw difiża illi tkun aktar strutturata;

15. Din il-Qorti sejra għalhekk **tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati.

*It-Tieni Eċċezzjoni*

16. L-intimati jeċċepixxu illi din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tiddikjara jekk xi liġi Maltija hijiex konformi ma' Direttiva tal-Unjoni Ewropea, u lanqas jekk xi liġi Maltija hix leżiva ta' xi dritt misjub fit-TFUE;

17. Mill-banda l-oħra, ir-rikorrent isostni illi hija l-Qorti nazzjonali illi għandha l-kompetenza tiddeċiedi dwar implimentazzjoni ta' Direttiva tal-UE fil-liġi nostrana, stante illi l-leżjoni allegata hija per kawża ta' liġi nazzjonali li mhix konformi ma' dik Ewropea;

18. L-Artikolu 288 TFUE jgħid, *"Direttiva għandha torbot l-Istati Membri, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali."* Ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Kummissarju tat-Taxxi vs Tipbet Limited***[1]:

> *Ladarba adottati fuq livell ewropew, sta għall-Istati Membri li jaraw li jiddaħlu fil-liġijiet nazzjonali rispettivi*

[1] Rik Nru 844/22/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 30 ta' Lulju 2024

*sabiex isiru parti mil-liġi nazzjonali. Għalhekk huwa fil-ġurisdizzjoni rispettiva ta' kull Stat Membru individwali li direttiva tiżviluppa f'liġi nazzjonali u b'hekk jiġi determinat f'kull Stat Membru il-mod kif dik id-direttiva ser tiġi trasposta, applikata u implimentata. Għalkemm direttiva ewropea hija vinkolanti dwar ir-riżultat li tikseb f'dawk l-Istati Membri għal min hija indirizzata; tħalli fis-setgħa ta' l-awtoritajiet nazzjonali li jagħżlu l-forma u l-metodu kif jiksbu dak ir-riżultat. Il-kriterju għalhekk hu illi l-miżura nazzjonali għandha tissodisfa l-għanijiet stabbiliti mid-direttiva. Fit-terminu stabbilit fid-direttiva kull Stat Membru indirizzat għandu javża lill-Kummissjoni Ewropea bil-miżuri adottati fil-liġi nazzjonali.*

Din is-sentenza kienet tirrigwarda appell mill-Kummissarju tat-Taxxi fejn wieħed mill-aggravji kien illi l-Ewwel Qorti immotivat il-konsiderazzjonijiet tagħha abbażi ta' Direttiva ad esklużjoni tal-liġi Maltija illi fiha ġiet trasposta. Ingħad fl-istess sentenza, *"l-kompitu tal-qorti f'azzjonijiet ta' din ix-xorta huwa li tevalwa jekk ir-rekwiżiti tad-Direttiva ġewx sodisfatti u fl-istess ħin tapplika sa fejn ikun meħtieġ il-provvedimenti tal-liġi sussidjarja."*

19. Fis-sentenza ***Pfeiffer and Others v. Deutsches Rotes Kreuz, Kreisverband Waldshut eV*[2],** il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ) qalet:

*103 In that regard, it is clear from the settled case-law of the Court that, whenever the provisions of a directive appear, so far as their subject-matter is concerned, to be unconditional and sufficiently precise, they may be relied upon before the national courts by individuals against the State where the latter has failed to implement the directive in domestic law by the end of the period prescribed or where it has failed to implement the*

[2] C-397/01 u C-403/01, 5 t'Ottubru 2004

*directive correctly (see, inter alia, Joined Cases C-6/90 and C-9/90 Francovich and Others [1991] ECR I-5357, paragraph 11, and Case C-62/00 Marks & Spencer [2002] ECR I-6325, paragraph 25).*

20. In oltre ġie ritenut ukoll fis-sentenza mogħtija mill-QEĠ fl-ismijiet ***Von Colson and Kamann v. Land Nordrhein-Westfalen***[3]:

*It is for the national court to interpret and apply the legislation adopted for the implementation of the directive in conformity with the requirements of Community law, in so far as it is given discretion to do so under national law.*

21. Għaldaqstant, huwa evidenti illi l-Qrati nazzjonali għandhom il-kompetenza illi japplikaw Direttivi tal-UE f'deċiżjonijiet tagħhom, u illi jinterpretaw il-liġi nazzjonali illi tittrasposta Direttiva fid-dawl tal-iskopijiet illi għaliha tkun daħlet fis-seħħ id-Direttiva. F'każ fejn il-liġi domestika ma tkunx timplimenta, b'mod korrett, dak illi tixtieq id-Direttiva, il-Qrati nazzjonali għandhom japplikaw id-Direttiva;

22. Madanakollu, **jidher illi mhux l-istess jista' jingħad għall-pass illi jippreċedi (u kwindi jwassal għal) din il-kompetenza, u cioe għall-indaġini dwar jekk Direttiva tkunx ġiet trasposta b'mod korrett jew le**;

23. L-Artikolu 17 TFUE jgħid, *inter alia*, illi l-Kummissjoni Ewropea *"għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea*", b'dana għalhekk illi huwa evidenti illi hija l-Kummissjoni Ewropea illi għandha l-mansjoni illi tiddeċiedi jekk Direttiva tkunx ġiet trasposta b'mod korrett fil-liġi domestika jew le. Infatti fis-sentenza ***Kummissarju tat-Taxxi vs Tipbet Limited*** suriferita, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) speċifikament qalet, *"Sa fejn hu magħruf, ma jirriżultax li*

[3] Każ 14/83, 10 t'April 1984

*l-Kummissjoni Ewropea ħadet passi kontra l-Istat Malti dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva inkwistjoni u għalhekk huwa preżunt juris tantum illi l-liġi sussidjarja nazzjonali implimentat korrettement u tilħaq l-għanijiet tad-Direttiva."* B'dan il-mod, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) rrikonoxxiet il-fatt illi kwalsiasi difett fl-implimentazzjoni tad-Direttiva fil-liġi sussidjarja domestika kellu jiġi indagat mill-Kummissjoni Ewropea u kien jaqa' għalhekk fil-kompetenza tal-istess Kummissjoni. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ma ħaditx l-inkarigu illi tagħmel hi stess osservazzjonijiet f'dan ir-rigward, iżda għamlet assunzjoni bbażata fuq il-fatt illi ma kinitx inġabet prova mod ieħor, b'dana illi, *a contrario senso*, qiegħed jiġi mifhum illi, li kieku kien hemm xi allegazzjoni illi Direttiva ma ġietx implimentata korrettement fil-liġi sussidjarja nazzjonali, kienet tippretendi illi tinġab prova f'dan ir-rigward. Dan preċiżament għaliex dikjarazzjoni dwar il-korrettezza o meno ta' implimentazzjoni ta' Direttiva ma taqax fil-kompetenza tal-Qrati nostrana;

24. Lura għall-każ odjern, din il-Qorti rat illi dak illi fl-aħħar mill-aħħar qed jitlob ir-rikorrent huwa dikjarazzjoni illi t-trasposizzjoni skorretta tad-Direttiva tal-UE qed tilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu. Madanakollu, qed jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi l-liġi domestika mhix konformi mad-Direttiva 2003/109/KE;

25. Din il-Qorti rat illi skont id-dokument anness mar-rikors promotur entitolat *European Commission – Infringements decisions*, il-Kummissjoni Ewropea diġa inizjat proċeduri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/109/KE fil-liġi domestika, liema proċeduri għadhom pendenti. Infatti, f'*Notice to Members* datata 27 ta' Marzu 2024 fir-rigward ta' petizzjoni intavolat quddiem il-Parlament Ewropew minn terza persuna fir-rigward tal-istess implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi Maltija, ġie dikjarat illi l-Kummissjoni qed tassessja risposta ta' Malta illi permezz tagħha Malta ddefendiet it-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva fil-Liġi nostrana, u illi, *"Depending on the outcome of the assessment of Malta's reply, the Commission will either refer the case to the Court of Justice of the EU or*

*close the case."*[4] Minn riċerka illi għamlet din il-Qorti, ma setgħet issib l-ebda evidenza illi kien hemm xi andament f'dan ir-rigward minn Marzu 2024 'il quddiem;

26. Għaldaqstant, ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi li kieku l-proċeduri inizjati mill-Kummissjoni Ewropea ġew konkjużi, b'tali mod illi l-każ ingħalaq, jew ingħatat deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, din il-Qorti kien ikollha l-kompetenza tiddikjara – <u>a bażi tal-istess deċiżjoni mill-Kummissjoni Ewropea jew Qorti tal-Ġustizzja</u> – jekk liġi domestika hix konformi mad-Direttiva 2003/109/KE jew le; madanakollu, fin-nuqqas ta' deċiżjoni da parti tal-Kummissjoni Ewropea jew Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward, din il-Qorti ma tqisx illi għandha l-kompetenza tiddikjara jekk il-liġi sussidjarja hijiex konformi mad-Direttiva 2003/109/KE jew le. Dak illi għandhom il-kompetenza jagħmlu l-Qrati nostrana f'dan l-istadju huwa biss illi jinterpretaw il-leġislazzjoni sussidjarja fid-dawl tal-iskop illi għalih ġiet promulgata d-Direttiva;

27. Din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex **<u>tilqa</u>**' t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati;

28. Peress illi t-talbiet kollha rikorrenti huma bbażati fuq l-allegata premessa illi t-trasposizzjoni tad-Direttiva għal-liġi domestika hija skorretta, liema premessa din il-Qorti m'għandhiex <u>preżentement</u> il-kompetenza illi tittratta, din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża odjerna. Madanakollu, din il-Qorti tifhem illi wara illi tingħata deċiżjoni mill-Kummissjoni Ewropea jew il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikorrent għandu jkollu d-dritt illi jerġa' jressaq l-ilmenti tiegħu fil-każ illi jibqagħlu l-ħtieġa illi jagħmel dan. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara illi d-dritt tar-rikorrent illi jerġa' jirrikorri għal din il-Qorti wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea u/jew il-Qorti tal-Ġustizzja jibqa' impreġudikat, nonostante d-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza illi qed tingħata b'din is-sentenza.

[4] PETI-CM-689425_EN

**Decide**

29. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati, iżda

ii. **<u>Tilqa</u>'** t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati, u tiddikjara ruħha mhux kompetenti illi tisma' l-kawża odjerna, b'dana illi

iii. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża;

iv. **<u>Tiddikjara</u>** illi jibqa' bla mittiefes u impreġudikat kwalunkwe dritt tar-rikorrent sabiex jirrikorri għal din il-Qorti wara illi tingħata deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea u/jew Qorti tal-Ġustizzja rigward il-korrettezza o meno tat-trasposizzjoni tad-Direttiva 2003/109/KE fil-liġi domestika.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**